**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 27 ta` Gunju 2017**

**Kawza Nru. 24**
**Rik. Nru. 281/17 JZM**

**Lorenzo Dellavalle (Karta tal-Identita` Taljana Numru AO 7204236)**

***kontra***

**Astonfield Solar International Limited (C41349)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikorsipprezentat fit-30 ta` Marzu 2017 li jaqra :–

*Illi permezz ta` sentenza ta` din l-Onorabbli Qorti tal-4 ta` Ottubru 2016 is-socjeta` intimata giet kanonizzata bhala debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta` mitejn elf Dollaru Amerikan (USD200,000) ekwivalenti ghas-somma ta` mija wiehed u temnin, sitt mija u tliet ewro (€181,603) meta mahduma bir-rata tal-kambju mahruga mill-Bank Centrali ta` Malta tal-20 ta` Lulju 2016 fejn ewro (€1) huwa ekwivalenti ghal wiehed punt wiehed xejn wiehed tlieta Dollaru Amerikan (USD1.1013), kif jirrizulta mill-kopja tas-sentenza hawn annessa bhala Dok A.*

*Illi minn mandat ta` sekwestru li nhareg kontra s-socjeta` intimata fis-7 ta` Lulju 2016 (mandat kawtelatorju mhux ezekuttiv) l-unika flejjes li gew maqbuda kienet is-somma ta` €1,139.36 kif jirrizulta mic-cedola ta` depozitu hawn annessa bhala Dok. B.*

*Illi s-socjeta` intimata ilha ma tintavola accounts mar-Registru tas-Socjetajiet sa mis-16 ta` Mejju 2013, liema accounts qed jigu hawn esibiti bhala Dok C. Dawn l-accounts iwasslu biss sal-31 ta` Dicembru 2010 u skont dawn l-accounts dis-socjeta` kellha assi biss ta` €54! u liabilities ammontanti ghal €16,825.*

*Illi huwa palezi li dis-socjeta` mhijiex f`pozizzjoni li thallas id-djun taghha ai termini tal-artiklu 214(2)(a)(ii) u 214(5)(b) tal-Kap. 386.*

*Illi l-esponent kontestwalment ma` dan ir-rikors qieghed ukoll jintavola mandat ta` sekwestru ezekuttiv u qieghed jirrizerva li jekk ikun il-kaz jestendi l-interpretazzjoni tal-artiklu 214(2)(a)(ii) ukoll ai termini tal-artiklu 214(5)(a) tal-Kap. 386.*

*Illi l-esponent ghandu informazzjoni li l-unika assi li ghandha s-socjeta` intimata huma xi assi f`socjeta` fl-Oman liema assi ghandhom valur ferm inferjuri ghad-debitu mar-rikorrent.*

*Illi jekk dawn l-assi se jithallew jinbieghu mis-socjeta` intimata d-dejn mar-rikorrent se jigi totalment eluz, u l-esponent ma jkunx f`pozizzjoni li jirkupra lanqas parti zghira mill-ammont lilu dovut.*

*Illi b`hekk hemm ukoll bzonn impellenti li b`effett immedjat jigi mahtur amministratur provizorju sabiex jiehu l-kontroll legali ta` dawn l-ishma, u pendenti d-decizjoni finali dwar l-istralc, jissalvagwardja dak li hu salvabbli.*

*Illi ai termini tal-artiklu 214(2)(a)(ii) tal-Kap. 386, il-Qorti ghandha diskrezzjoni li tordna x-xoljiment ta` socjeta` jekk tali socjeta` mhijiex f`pozizzjoni li thallas id-djun taghha.*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob :*

*1. Li s-socjeta` intimata Astonfield Solar International Limited (C41349), tigi xolta minn din il-Qorti ai termini tal-artiklu 214(2)(a)(ii) tal-Kap. 386.*

*2. Li b`effett immedjat, ai termini tal-artiklu 228 tal-Kap. 386, jigi mahtur amministratur provizorju sabiex jamministra l-assi tas-socjeta` intimata, sakemm tinghata ordni dwar l-istralc kif mitlub permezz tal-ewwel talba.*

Rat illi s-socjeta` ntimata ghalkemm debitament baqghet ma pprezentatx risposta.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-22 ta` Gunju 2017 mnejn jirrizulta illi s-socjeta` ntimata ma kenitx prezenti ghall-udjenza.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent fl-istess udjenza.

Rat il-verbal li sar mid-difensur tar-rikorrent fejn in vista tad-deposizzjoni tar-rikorrent talab lill-Qorti sabiex tipprovdi dwar it-tieni talba.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Ghall-fini **<u>specifiku</u>** tal-provvediment tal-lum, il-konsiderazzjoni mhijiex jekk il-kumpannija intimata hijiex fi stat li thallas id-djun taghha inkella le skont id-disposizzjonijiet citati mir-rikorrent fl-ewwel talba. Dik hija kwistjoni li din il-Qorti ghad trid taghmel meta tigi biex tiddeciedi abbazi tal-provi li ghad iridu jitressqu.

**Ikkunsidrat :**

Il-hatra ta` amministratur provvizorju hija regolata bl-**<u>Art 228 tal-Kap 386</u>** li jaqra :-

*(1) The court may by order appoint a provisional administrator at any time after the presentation of a winding up application and before the*

*making of a winding up order, and either the official receiver or any other competent person may be so appointed.*

*(2) The provisional administrator shall carry out such functions and powers in relation to the administration of the estate or business of the company as the court may specify in the order appointing him.*

*(3) The provisional administrator holds office until such time as the winding up order is made or the winding up application is dismissed unless before such time he resigns.*

Huwa evidenti li l-ligi ma tfissirx ir-rwol tal-amministratur provvizorju.

Il-ligi thalli **ghal kollox** fl-idejn tal-Qorti li tistabilixxi jekk ikunx indikat li taghmel il-hatra, u fil-kaz li taghmel hekk, tiddetermina x`setghat taghti lill-amministratur provvizorju, tenut kont tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz.

Il-funzjoni ewlenija tal-amministratur provizorju ghandha tkun illi jistabilixxi ordni fit-tmexxija tal-kumpannija sakemm il-qorti tipprovdi dwar jekk il-kumpannija ghandhiex tigi xjolta u stralcjata nkella le, billi anke jippreserva l-assi taghha kontra r-riskju ta` sparpaljar jew ta` tnaqqis fil-valur b`azzjoni diretta jew indiretta tad-diretturi.

Wara li semghet lir-rikorrent, il-Qorti tifhem il-premura tieghu illi sakemm tigi determinata finalment l-istanza tax-xoljiment u stralc, il-kumpannija intimata titqieghed taht il-kontroll ta` amministratur provvizorju.

Il-Qorti tifhem illi fil-kaz tal-lum ir-rwol primarju tal-amministratur provvizorju ghandu jkun il-kontroll tal-assi, u allura l-konservazzjoni taghhom, taht il-kontroll dejjem vigilanti taghha.

Il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tipprocedi bil-hatra ta` amministratur provvizorju ghall-kumpannija intimata.

Dwar il-funzjonijiet u s-setghat tal-amministratur provvizorju, il-Qorti ma tridx li jkollu r-rwol ta` semplici amministratur bil-funzjoni li jiehu hsieb l-amministrazzjoni ta` kuljum tal-kumpannija intimata.

Ghalkemm il-kumpannija intimata mhijiex sejra tnehhi d-diretturi li hemm illum, hija sejra tissospendihom mill-funzjonijiet u mis-setghat taghhom, u tghaddi dawn il-funzjonijiet u setghat lill-amministratur provvizorju.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-tieni talba tar-rikorrent billi :-**

**1) Bl-applikazzjoni tal-Art 228 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda tahtar lill-Avukat Dottor Richard Galea Debono bhala amministratur provvizorju tal-kumpannija intimata Astonfield Solar International Limited (C41349)**

**2) B`effett mil-lum, u sakemm jigu decizi t-talbiet l-ohra tar-rikorrent jew sakemm ma tipprovdix xort`ohra `l quddiem, qeghda tissospendi l-funzjonijiet u s-setghat tad-diretturi tal-kumpannija intimata - kemm individwalment kif ukoll kollettivament bhala bord.**

**3) B`effett mil-lum, u sakemm jigu decizi t-talbiet l-ohra tar-rikorrent jew sakemm ma tipprovdix xort`ohra `l quddiem, qeghda taghti lill-amministratur provvizorju l-funzjonijiet u s-setghat kollha li ghandhom id-diretturi tal-kumpannija ntimata, kemm dawk li johorgu mill-memorandum u mill-articles of association tal-kumpannija ntimata, u kif ukoll mil-ligi, inkluz ir-rapprezentanza gudizzjarja u legali tal-kumpannija intimata.**

**4) B`effett mil-lum, u sakemm jigu decizi t-talbiet l-ohra tar-rikorrent jew sakemm ma tipprovdix xort`ohra `l quddiem, tordna lid-diretturi tal-kumpannija intimata sabiex jaghtu lill-amministratur provvizorju access shih u liberu ghal kwalsiasi taghrif u dokumenti fil-pussess taghhom. Fin-nuqqas, l-imgieba tad-diretturi tkun passibbli ghal proceduri ta` disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti.**

**5) B`effett mil-lum, u sakemm jigu decizi t-talbiet l-ohra tar-rikorrent jew sakemm ma tipprovdix xort`ohra `l quddiem, l-amministratur provvizorju ghandu jiehu taht il-kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpannija intimata, u ghandu jmexxi u jamministra l-**

**kumpannija intimata bl-akbar kawtela u trasparenza sabiex il-qaghda finanzjarja taghha ma tmurx ghall-aghar.**

**6) Sakemm jigu decizi t-talbiet l-ohra tar-rikorrent jew sakemm ma tipprovdix xort`ohra `l quddiem, kull dritt jew setgha li tirrizulta mill-memorandum u mill-articles of association tal-kumpannija intimata huma soggetti ghat-termini ta` dan il-provvediment.**

**7) Tordna li l-ispejjez tal-hatra tal-amministratur provvizorju, inkluzi dawk relatati mal-qadi tal-funzjonijiet u tas-setghat tieghu, ghandhom jithallsu provvizorjament mir-rikorrent.**

**8) Tipprovdi b`mod definittiv dwar l-ispejjez tal-amministratur provvizorju fil-provvediment finali dwar l-istanza tar-rikorrent.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**